... minn paġna 1




Madre Tereża kienet tgħid li l-ferħ tal-imħabba jiġi biss mill-Ewkaristija u jekk aħna rridu nikbru tassew fl-imħabba, irridu nersqu lejn l-Ewkaristija. Sas-sena 1973, is-sorijiet tal-kongregazzjoni li waqqfet hi kienu jagħmlu siegħa adorazzjoni fil-ġimgħa imma minn dik is-sena 'l quddiem, is-sorijiet iddeċidew li jibdew jagħmlu siegħa adorazzjoni kuljum. Forsi għalina tidher kontradizzjoni: għaliex is-sorijiet, li tant kien żdidilhom ix-xogħol, żiedu l-ħin tagħhom tat-talb? Għax huma kienu konvinti li kien biss minn Ġesù li setgħu jġibu l-għixien tagħhom quddiem tant tbatija. Is-sorijiet jistqarru li minn meta ħadu dik id-deċiżjoni, l-imħabba tagħhom għal Ġesù saret iktar intima, bdew jifhmu iktar lil xulxin fil-komunità, bdew juru iktar ħniena mal-foqra u żdiedulhom il-vokazzjonijiet.

***L-Ewkaristija: Serħan għal Ruħna u Ikel għall-Vjaġġ tal-Ħajja tal-Fidi***

Dak l-istess Ġesù Bambin li ġab il-ferħ lid-dinja u lil kull bniedem bit-twelid tiegħu f'Betlehem, Belt il-Ħobż, dak l-istess Ġesù Kristu li fiċ-Ċenaklu ħa l-ħobż f'idejh u newlu lid-dixxipli miġbura bħala għotja u tifkira tiegħu innifsu u tal-offerta ta' ħajtu fuq is-salib, jiġi f'qalbna fit-Tqarbin Imqaddes u jġibilna l-istess paċi u ferħ.

Madre Tereża, li f'Ġesù sabet il-milja ta' ħajjitha, kellha xewqa kbira li l-erwieħ kollha jsiru jafu bl-imħabba tagħha lejn l-Ewkaristija u taqsam l-esperjenza tagħha magħna hekk:

*'Arawh fit-tabernaklu;*
*waħħlu l-ħarsa tagħkom fih,*
*li hu d-dawl;*
*ressqu lil qlubkom*
*qrib il-qalb divina tiegħu;*
*itolbuh il-grazzja li ssiru tafuh,*
*itolbuh li tieħdu gost tħobbuh*
*u l-kuraġġ biex taqduh.*
*Fittxuh b'qalbkom kollha.'*

Jalla bħalha nagħrfu li f'kull tqarbina, Ġesù, li hu l-Kelma tal-Missier, isir parti minn ħajjitna, għax jiġi mogħti lilna bħala rigal speċjali li jagħtina Alla l-Missier, u li rridu nieħdu ħsiebu sewwa sabiex permezz ta' ħajjitna, l-imħabba tiegħu tmiss lil dawk kollha li niltaqgħu magħhom.






PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## L-EWKARISTIJA:
### TISSODISFALEK IL-ĠUĦ JEW TIFTAĦLEK AKTAR L-APTIT?

Ma nafx xi tfisser għalikom ir-riħa tfuħ tal-ħobż. Għalija hija tifkira mill-isbaħ ta' raħal twelidi u ġġibli tifkiriet sbieħ ta' ħobż għadu joħroġ mill-forn, ta' xi ħobża tal-Malti bil-qoxra tqarmeċ u meta kont inmur jien għaliha l-Ħadd filgħodu wisq probabli kienet tasal id-dar b'xi toqba fiha għax inkun naqqartha fit-triq. Min minna għamel dawn l-esperjenzi ta' ħobż frisk li jgħidlek: 'Kulni', żgur li jista' jifhem sew lil Ġesù li jitkellem fuqu nnifsu bħala l-ħobż ħaj li niżel mis-sema u li min jiekol minnu jgħix għal dejjem!

***"Jiena hu l-Ħobż il-Ħaj,***
***li niżel mis-sema. ...***
***U l-ħobż li jiena nagħti huwa***
***ġismi għall-ħajja tad-dinja."***
***[Ġw 6:51]***

Forsi llum il-ħobż narawh żejjed jew nikluh mill-inqas biex ma neħxinux, imma fi żmien Ġesù, il-ħobż kien parti mid-dieta bażika tal-persuna. Infatti meta hu jgħid li hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema, Ġesù qed jgħid ċar u tond li hu essenzjali għall-ħajja tal-bniedem. Ejjew nagħrfu li Ġesù ma qabbilx lilu nnifsu mal-ħobż, imma stqarr li hu l-ħobż ħaj, kif għamel fl-aħħar ċena meta ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal:

*"Ħudu, kulu, dan hu ġismi"*
[Mt 26:26].

Dan il-misteru aħna niċċelebrawh kuljum fil-quddiesa meta għall-kliem tas-saċerdot, l-ostja u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu nnifsu. Jekk nitrejqu sikwit b'xi loqma ħobż meta nifjakkaw, għaliex m'għandniex nagħtu iktar importanza lill-quddiesa, mhux biss dik tal-Ħadd imma wkoll dik ta' kuljum, ladarba hi l-ikel tar-ruħ? Jekk ma nistgħux nieħdu sehem kuljum f'dan is-sagrifiċċju, ta' lanqas nistgħu nagħżlu ġurnata waħda fil-ġimgħa li fiha nżommu l-appuntament tagħna ma' Ġesù. L-Ewkaristija hija dik li tibdlilna ħajjitna għax meta aħna nieħdu sehem fiha, meta aħna nersqu kif suppost lejn it-tqarbin, aħna nkunu qed inħallu lil Ġesù jgħajjixna bih. B'hekk nidħlu f'għaqda sħiħa mhux biss miegħu imma wkoll mal-oħrajn u bil-mod il-mod, jekk l-Ewkaristija ngħixuha sew, aħna nibdew insiru bħalu u nsiru wkoll ħobż għad-dinja.

***L-Ewkaristija: Għixien u Saħħa għal u tal-Knisja***

L-Ewkaristija ma tagħlaqniex fina nfusna imma tiftaħna għall-oħrajn. Ma kinitx forsi l-Ewkaristija li tat il-qawwa lil Santa Tereża ta' Kalkutta biex twettaq ix-xogħol tagħha mat-tfal tat-triq, mal-foqra, mal-morda, mal-imwarrbin u mal-moribondi?

... ikompli paġna 4

# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
## Ħal Safi - Ġunju 2018

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 3 ta' Ġunju | **Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu**<br>Fil-5:00pm - Adorazzjoni immexxija mill-Kappillan.<br>Fis-6:00pm - Quddiesa bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'*.<br>Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina. |
| Il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju | **Il-Qalb ta' Ġesù** - *L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi*<br>Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM, it-tfal tad-Duttrina u l-Abbatini li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa. |
| Is-Sibt 9 ta' Ġunju | *It-Tieni Jum tal-Kwaranturi*<br>Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-K.P.P. li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa |
| Il-Ħadd 10 ta' Ġunju | **Festa tal-Qalb ta' Ġesù** - *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*<br>Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor 'Sine Macula'<br>Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* animata mill-Kor 'Sine Macula'<br>Fis-6:45pm - *Purċissjoni* bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. |
| Il-Ħadd 17 ta' Ġunju | ***Jum il-Missier***<br>Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(Ma ssirx fil-knisja)* |
| It-Tlieta 19 ta' Ġunju | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| L-Erbgħa 20 ta' Ġunju | ***Anniversarju Saċerdotali:***<br>Kan. Louis Farrugia – 15-il sena (2003) |



# ID-DJARJU
## *ikompli ...*

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn 25 ta' Ġunju sal-Ġimgħa 29 ta' Ġunju | **Ġimgħa ta' Tagħlim mis-Soċi tal-M.U.S.E.U.M.**<br>***FITTXU L-EWWEL IS-SEWWA** - Mt 6:33*<br>Fis-7:15pm - Quddiem il-Kappella ta' Santa Marija. |
| Il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju | **Solennità tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja**<br>***Anniversarju Saċerdotali:***<br>Kan. David Farrugia - Kappillan – 14-il sena (2004) |






***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Pawlu Boyce u Maria Calleja

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Pawla Busuttil

***Nitolbu għalihom!***

